MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1157/1997/1

Teresa Tanti
vs
Direttur tat-Taxxa Kapitali (gja Kummissarju tat-Taxxi Interni), is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u b'digriet tat-23 ta' Frar 2000 zdied il-kliem u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz bejn l-1990 u l-1992 ir-rikorrenti sofriet ingustizzja billi giet michuda minn promozzjoni indebitament u ghaliex bla ebda raguni valida baqghet tithallas mhux skond il-livell ta' xoghol li taghmel.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Ir-rikorrenti dahlet tahdem mal-Gvern fl-1979 fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-Kategorija ta’ impjegati Grupp A. Bhala fatt tul diversi snin id-doveri li kienet taqdi r-rikorrenti kienu jikkorrispondu ghal xoghol klerikali kif ukoll xoghol li normalment isir minn “Public Relations Officer”.

2. Fil-bidu tal-1990 harget cirkulari li kienu mehtieg “Data Entry Operators”. Ir-rikorrenti qatt ma rat din ic-cirkolari. Fl-1992 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad Grupp D fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ir-rikorrenti applikat pero` qatt ma giet imsejha ghall-“interview”.

3. Illi r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li hija kien bi hsiebha ggib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrenti talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi skond il-proceduri applikabbli fis-servizz civili r-rikorrenti ghandha tinghata l-opportunita` li tigi promossa ghall-grad korrispondenti ghax-xoghol li hija ilha taghmel realment kif fuq jinghad, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li l-istess rikorrenti tigi mhallsa kumpens xieraq kif joghgbu jistabilixxi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru li eccepixxa:

Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal dik il-parti ta’ l-ilment li ghandha x’taqsam max-xoghol tar-rikorrenti fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ghaliex din tikkoncerna lill-istess Dipartiment.

Illi dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad D fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fl-1992, ghandu jinghad illi din

is-sejha kienet giet irtirata qabel ma saru l-intervisti. L-applikanti kellhom jigu nfurmati b'dan mid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni li eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok l-occhio tar-rikors odjern kien erronjament, indikat bhala "Teresa Tanti vs id-Direttur tat-Taxxi Kapitali (gia kummissarju tat-Taxxi Interni) minflok "Teresa Tanti vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" u li ghaldaqstant l-intimat talab li r-rikorrenti taffetwa li ssir il-korrezzjoni mehtiega.
Illi r-rikorrenti, mit-22 ta' April 1975 ghamlet xi zmien ma Dirghajn il-Maltin bin-Numru DIM 352, u sussegwentament intbaghtet tahdem fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, b'effett mit-2 ta' April 1979 bhala impjegata Group A. Fil-21 t'Awissu, 1979 ir-rikorrenti giet ufficjalment mahtura bhala ***charwoman*** biex taqdi d-dmirijiet taghha fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni kif ukoll kull xoghol iehor b'effett mit-2 ta' April, 1979. Fl-ittra tal-hatra, r-rikorrenti kienet ukoll giet maghrfa li kellha taghmel kull xoghol li l-Gvern seta' qalilha biex taghmel.

Illi fl-1980 ir-rikorrenti kienet intitolata li taghmel ezami intern ghall-hatra ta' Skrivan Grad I u dan wara konferma tal-Kap tad-Dipartiment li l-persuna tkun qed taqdi xi dmir ta' natura klerikali fid-Dipartiment tieghu. Din il-konferma nghatat lir-rikorrenti imma fin-nuqqas tas-success taghha f'dan l-ezami, ir-rikorrenti ma setghetx tinghata din il-hatra.

Illi fl-10 ta' Dicembru 1981, ir-rikorrenti kienet imlahhqa bhala Stamper (Group C) biex taqdi d-dmirijiet taghha fl-***Inland Revenue Department*** kif ukoll kull xoghol iehor li l-Gvern jista' jghidilha biex taghmel.

Illi b'sehh mill-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrenti giet assimilata bhala ***Stamper Group III*** - Skala 17.

Illi skond il-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Ottubru 1989 saret sejha ghal "Data Entry Operator fuq bazi full-time. L-applikanti kellhom ikunu jafu jaqraw u jiktbu bil-Malti u bl-Ingliz u kellhom ikollhom edukazzjoni sekondarja tajba. Ir-rikorrenti kellha kull opportunita' taqra u tifli l-Gazzetta tal-Gvern.

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ghamel rakkomandazzjoni biex jahtru lir-rikorrenti fi Grade D izda ma jidhirlux li hi materja tieghu li jikkumenta rigward l-applikazzjoni tar-rikorrenti li kienet ghamlet fl-1992 ghall-grad D fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Il-Kummissarju m'ghandux jigi tenut jirrispondi ghal dak li jkun gara f'Dipartimenti ohra.

Illi ghaldaqstant l-intimat talab li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda.

Bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi fit-23 ta' Frar 2000 wara li Dr Vassallo talab il-korrezzjoni biex wara l-isem l-intimat jizdied il-kliem "Kummissarju tat-Taxxi Interni" u Dr Borg Costanzi irrimetta ruhu, it-Tribunal laqa' t-talba. F'dak l-istadju r-rikorrent irtira t-talba fil-konfront tad-Direttur tat-Taxxa Kapitali u tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru b'mod illi jekk il-kawza baqghet biss kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Inoltre Dr Borg Costanzi irtira l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u b'hekk il-kawza baqghet biss fuq il-mertu. Illi l-ilment tar-rikorrenti jikkonsisti proprjament taht zewg aspetti u

cioe' illi fil-bidu ta' l-1990 kienet harget cirkulari li kienu mehtiega Data Entry Operators li r-rikorrent issostni li qatt ma rat, u sekondarjament illi fl-1992 harget sejha ghall-applikazzjoni ghal grad Grupp D fid-Dipartiment tax-Xogholijiet liema sejha giet eventwalment irtirata.

Ir-rikorrenti pprezentat affidavit taghha li jinsab a fol 13 u 14 tal-process fejn ikkonfermat il-kontenut tar-rikors fejn sostniet li kif jidher mir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li hi dejjem qdiet id-dmirijiet taghha tul is-servizz ta' wiehed u ghoxrin sena b'mod korrett u li qdiet xogholha f'livell oghla minn dak li tithallas tieghu. Ghamlet referenza ghall-ahhar parti tar-risposta tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni fejn issemma li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ghamel rakkomandazzjoni biex jahtar lir-rikorrenti fi Grade D.

Tenniet li tul il-perjodu ta' wiehed u ghoxrin sena hadmet xoghol klerikali minkejja l-grad li ufficjalment kienet tinsab fih. Ix-xoghol kien jinkludi kuntatt dirett mal-pubbliku u persuni legali li jiffrekwentaw l-Ufficcju tat-Taxxi Interni. Dan ix-xoghol isir minn Ufficjali Amministrattivi.

L-applikazzjoni ta' l-1992 ghall-grupp D fid-Dipartiment tax-Xogholijiet kienet ratha u ghandha ricevuta tad-Dipartiment tal-Public Works.

Riferibbilment ghall-Call for Applications tad-Data Entry Operators ma kienetx applikat izda r-raguni kienet li qatt ma kienet rat l-applikazzjoni. Fil-branch fejn qieghedha hi ma tafx li xi hadd kien applika.

Xehed Tony Imbroll Direttur fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-Fergha tal-Capital Transfer Unit u li ilu ghal din il-kariga sentejn. Qabel kien Assistent Direttur ghalkemm ilu fid-Dipartiment tax-Taxxa ghal dawn l-ahhar tletin sena. Jaf lil Teresa Tanti bhala impjegata fid-Dipartiment u semma li hi dahlet tahdem fl-1979. Semma li x-xoghol taghha huwa li tipprepara l-cash cards u taghmel l-extracts taghhom. Kien hemm zmien meta kienet tipprepara l-permessi dwar ir-release tal-flus mill-banek kif ukoll anke dwar il-propjeta`. Dejjem kienet taghmel

xoghol preparatorju biex jigi ffirmat minn xi ufficjal superjuri taghha.

Ghall-habta tal-1989, 1990, 1991 kienet tipperpara l-cash cards u taghmel l-extracts minnhom. Hi kellha l-grad ta' Stamper Group 3 u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 1991. Qabel kienet Stamper Group C. Ix-xoghol bhala kwalita` kien ix-xoghol taghha u kienet taghmlu b'mod diligenti. Id-Direttur ta' qablu Francis Bonello kien ghamel rakkomandazzjoni dwarha fis-sens illi kien kiteb lill-Establishments Secretary fis-27 ta' Marzu 1989 fejn qallu li peress li kien hemm shortage minhabba Clerical Staff, Mrs. Tanti kienet inghatat xoghol klerikali ta' section u dana full clerical duties u ghalhekk kien irrakkomanda li Mrs Tanti tigi moghtija l-inkarigu li flok tibqa' Stamper Group C tigi upgraded ghal Group D Supervisor u din kienet tfisser promozzjoni.

Din mhix haga tad-Dipartiment izda haga tal-MPO u ma kienx ikun necessarju li johorgu applications fuq affarijiet bhal dawn izda ezitu ghal din l-ittra ma kien hemm xejn. Meta johorgu cirkolarijiet dwar impjiegi l-procedura taghhom hija dejjem li l-messaggier idur bic-cirkolari mad-dipartiment mal-impjegati u dawn jiffirmawlu li jkunu qrawha. Ic-cirkolarijiet jinzammu fid-Dipartiment. Dan japplika ghal "in service call" pero` jekk isir avviz fil-Gazzetta tal-Gvern minn barra din ma ssirx il-procedura bil-messaggier idur bil-karti.

Xehed Francis Bonello li llum il-gurnata irtirat izda kien hemm xi zmien li kien id-Direttur fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fid-divizjoni ta' Strada Merkanti. Semma li jaf lil Teresa Tanti r-rikorrenti u ghamel riferenza ghall-ittra li kien kiteb hu stess fis-27 ta' Marzu 1989 fejn riferibbilment ghar-rikorrenti kien semma illi fin-nuqqas ta' clerical staff li kien hemm fid-Dipartiment kienet tqabdet taghmel x-xoghol klerikali u kienet taghmlu b'mod deligenti u ghalhekk intalab illi l-grad taghha li kien Stamper Group C tigi upgraded ghar-rank ta' Clerk 1 izda mill-ittra ma rrizulta xejn. L-ittra kienet giet mibghuta lill-Establishments Secretary.

Xehed George Sammut li semma li b'riferenza ghall-applikazzjoni mal-Works Division kien kiteb lid-Direttur tal-Human Resources tal-Works Division Mrs Muscat fejn ikkonfermat peress li kien hemm xi kazi relatati, u kienet qalet li "This is to confirm that the process for applications in question has been discontinued in view of the new industrial and supervisory grades reform which had been concluded in August 1994. Copy of correspondence received from Management and Personnel Office of the Prime Minister is self explanatory".

**KONKLUZJONIJIET:**
Irrizulta dwar l-applikazzjoni tal-1990 illi effettivament kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet u kienet giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. L-intimat isostni u bir-ragun li jekk ir-rikorrenti ma ndunatx biha ma tistax tinputa n-nuqqas taghha fuq l-intimat. Zgur illi ma tistax taghti t-tort taghha lir-rikorrenti u ghalhekk bhala tali t-talba taghha fuq dan l-aspett ma tistax tigi milqugha. Jibqa' dejjem pero` dak li ser jissemma taht dwar persuni li ghamlu xoghol ta' livell iktar gholi mill-grad taghhom. Dwar l-ilment tar-rikorrenti fuq sejhiet ghall-applikazzjonijiet li hargu mid-Dipartiment tax-Xoghol fl-1992 jigi rilevat illi a tenur ta' l-Artiklu 181B tal-Kap 12 rez applikabbli permezz ta' l-Artiklu 15 tal-Kap 394 jinghad illi l-imsemmi Artiklu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. L-applikazzjonijiet kellhom isiru lid-Dipartiment tax-Xogholjijet issa fil-kaz in ezami ma jirrizultax illi d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholjijet huwa wiehed mill-intimati u ghalhekk certament illi l-kaz in kwistjoni ma jistax jigi ezaminat minn dan it-Tribunal pero` ghal kull bon fini jigi rilevat illi hemm sentenzi ohra tat-Tribunal illi fejn applikazzjonijiet kienu hargu u kienu gew irtirati ma giex ritenut li kienet saret ingustizzja.

Hawnhekk it-Tribunal sejjer jikkwota minn dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Marzu, 1999, fejn insibu:

“Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li “Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero’ l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha…Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b’seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista’ titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma.”

Ara f’dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99, Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

Jizdied jghid ukoll illi fil-fatt fil-kors ta’ l-ilmenti taghha r-rikorrenti ghamlet referneza li ghal fatt li hi ghamlet xoghol superjuri ghal grad taghha. Dan fil-fatt gie ikkorroborat minn Francis Bonello li kien Direttur tat-Taxxi Interni u anke mis-successur tieghu s-Sur Imbroll u anke addirittura saret rakkomandazzjoni lil-Establishments Section li r-rikorrenti tinghata full clerikal duties u tigi upgraded minn Standard Grupp C ghall-Clerk 1.

It-Tribunal kif ghamel diversi drabi f'kawzi ohra meta sab li r-rikorrent ikun ghamel xoghol superjuri ghal grad tieghu ghal zmien twil iddikjara li r-rikorrent ikun haqqu kumpens.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna ddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

"Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni."

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti haqqha kumpens ta' Lm1500. Ghal dawn il-motivi jilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens biss mhux li tinghata promozzjoni izda li tinghata kumpens finanzjarju sa l-ammont ta' Lm1500.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni.